MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 782/2009

**Giovanni Schembri Limited (C-5003)**

**vs**

**St Andrews Hotels Limited (C-901)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Settembru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf mija u disa` Euro u dsatax-il centezmu (€1109.19) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Ra n-nota tas-socjeta` attrici pprezentata fit-23 ta' April 2010, li permezz taghha cediet is-sorte stante pagament fil-mori izda zammet ferm il-kap tal-ispejjez.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-23 ta' April 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur ghall-hlas tal-ispejjes tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal, filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-kawza fil-mertu taghha stante n-nota ta' cessjoni fil-mertu, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici l-ispejjez kollha relatati mal-odjerna kawza kif ukoll dawk mitluba, li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------